



TWEĠIBIET TAL-KUMMISSJONI EWROPEA

GĦAR-RAPPORT SPEĊJALI TAL-QORTI EWROPEA TAL-AWDITURI

Appoġġ biex jittaffew ir-Riskji ta' Qgħad
f'Emerġenza (SURE)

Il-finanzjament ta' SURE kkontribwixxa għall-preservazzjoni
tal-impjegi matul il-kriżi tal-COVID-19, iżda l-impatt sħiħ
tiegħu mhux magħruf

Werrej

I. IT-TWEĠIBIET TAL-KUMMISSJONI FIL-QOSOR.....	2
II. IT-TWEĠIBIET TAL-KUMMISSJONI GĦALL-OSSERVAZZJONIJIET EWLENIN TAL-QEA.....	3
1. IR-RAPPURTAR DWAR L-IMPATT TA' ĊERT.....	3
III. IT-TWEĠIBIET TAL-KUMMISSJONI GĦAR-RAKKOMANDEZZJONIJIET TAL-QEA.....	4
1. Ir-rakkommandazzjoni 1: Evalwa s-SURE.....	4

Dan id-dokument jippreżenta t-tweġibiet tal-Kummissjoni Ewropea għall-osservazzjonijiet ta' Rapport Speċjali tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri, f'konformità mal-Artikolu 259 tar-Regolament Finanzjarju u li għandhom jiġu ppubblikati flimkien mar-Rapport Speċjali.

I. IL-KUMMISSJONI TWIEĠEB FIL-QOSOR

Il-Kummissjoni tilqa' dan ir-Rapport Speċjali mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri (QEA). SURE kien strument ewlieni ta' emerġenza stabbilit mill-Unjoni b'mod rapidu u f'waqtu biex jiproteġi l-impjegji u l-introjt u fi spirtu ta' solidarjetà kontra l-konsegwenzi soċjoekonomiċi negattivi serji tal-pandemija tal-COVID-19. SURE pprovda appoġġ finanzjarju fil-forma ta' self mogħti b'termini favorevoli mill-UE lill-Istati Membri biex jiffinanzja skemi nazzjonali ta' xogħol b'ħinijiet iqsar, miżuri simili, b'mod partikolari għal dawk li jaħdmu għal rashom, u xi miżuri relatati mas-saħħa. Il-Kummissjoni qed toħroġ bonds soċjali biex tiffinanzja l-istrument SURE.

L-Istati Membri kollha - anki dawk li ma bbenefikawx direttament minnu - appoġġaw l-istrument, permezz tal-għoti ta' garanziji volontarji, li jenfasizza s-solidarjetà Ewropea bejn l-Istati Membri permezz tal-Unjoni Ewropea. Ir-Regolament SURE ġie adottat f'Mejju 2020 u l-ewwel żborżi lill-Istati Membri saru f'Ottubru 2020. SURE pprovda assistenza finanzjarja lil 19-il Stat Membru, li għal aktar minn nofshom kien suppliment mas-self inizjali. Sa tmiem l-2022, il-pakkett totali ta' EUR 100 biljun se jkun kważi eżawrit.

Il-Kummissjoni tqis li SURE wera li huwa effettiv biex jiproteġi l-forza tax-xogħol u tad-ditti Ewropej. Skont l-aħħar (ir-raba') rapport biannwali¹, SURE appoġġa madwar 31.5 miljun persuna u 2.5 miljun ditta fl-2020, li jirrappreżentaw kważi terz tal-impjegji u ditti totali fid-19-il Stat Membru benefiċjarju. L-intrapriżi żgħira u ta' daqs medju kienu l-benefiċjarji primarji tal-appoġġ SURE, b'mod partikolari fis-setturi l-aktar affettwati mill-pandemija.

Il-Kummissjoni tqis ukoll li SURE wera li huwa effiċjenti biex itaffi l-impatt tal-pandemija fuq is-suq tax-xogħol fl-2020 u jiffaċilita l-irkupru ekonomiku rapidu fl-2021, li kien ħafna aktar rapidu minn kriżijiet preċedenti. Skont l-aħħar rapport biannwali, il-Kummissjoni stmat li fl-2020 ir-rispons ta' politika għall-kriżi tal-COVID-19, inkluż SURE, iproteġa b'mod effettiv madwar 1.5 miljun persuna mill-qgħad.

Sa tmiem l-2022, il-Kummissjoni ħarġet erba' rapporti biannwali, li kull wieħed minnhom imur lil hinn mill-obbligu legali tagħha skont ir-Regolament SURE f'termini tal-ambitu tal-analiżi filwaqt li tikkonforma wkoll mar-rekwiżiti ta' rapportar skont il-Qafas għall-Bonds Soċjali SURE tal-UE.

Il-Kummissjoni tenfasizza, fir-rigward tal-limitazzjonijiet fid-*data* rrappurtata mill-Istati Membri dwar l-għadd ta' ħaddiema u ditti, li r-responsabbiltà għar-rappurtar hija tal-Istati Membri benefiċjarji, skont it-Taqsima 2.4 tal-Qafas tal-Bonds Soċjali². Il-Kummissjoni rrappurtat il-lakuni fid-*data* fir-rapporti biannwali u ħeġġet lill-Istati Membri jipprovdu kwalunkwe *data* nieqsa jew jaġġornaw l-istimi preċedenti għall-eżerċizzju ta' rapportar li jmiss. Peress li f'xi każijiet dan wassal għal bidliet sinifikanti fiċ-ċifri stmati aggregati, ma kienx possibbli li jiġi vvalutat b'mod preċiż l-għadd aggregat ta' persuni u ditti koperti, speċjalment f'rapporti bikrija. Il-Kummissjoni ma talbitx lill-Istati Membri jipprovdu *data* dwar l-eżitu reali jekk ma kinitx disponibbli fi skeda ta' żmien raġonevoli, peress li dan seta' jdedwem b'mod sinifikanti l-għbir tad-*data*, u ma kienx meħtieġ mir-regolament SURE.

Il-Kummissjoni tirrikonoxxi li mhuwiex faċli li l-impatt ta' SURE jinfired kompletament mill-impatt tal-iskemi nazzjonali peress li SURE jipprovdi t-tieni linja ta' difiża. Madankollu, fir-rapporti biannwali tagħha dwar SURE, il-Kummissjoni pprovdi xi biċċiet ta' evidenza dwar l-impatt ta' SURE, inkluż

¹Ippubblikat fit-23 ta' Settembru 2022. <https://economy-finance.ec.europa.eu/system/files/2022-09/Fourth-report-on-the-implementation-of-SURE.pdf>

²Ara wkoll l-ewwel rapport biannwali SURE (paġna 17), ppubblikat fit-22 ta' Settembru, 2021: [com2021_148_en_act_part1_v6.pdf](https://ec.europa.eu/economy_finance/com2021_148_en_act_part1_v6.pdf) (europa.eu)

għal kull Stat Membru, u r-rwol tagħha li tinċentiva l-istabbiliment ta' skemi nazzjonali ta' xogħol b'ħinijiet iqsar u miżuri simili.

L-Unjoni stabbiliet l-istrument SURE biex jikkomplementa l-finanzjament proprju tal-Istati Membri tal-iskemi nazzjonali eliġibbli. SURE jipprovdi appoġġ fil-forma ta' self lill-Istati Membri, b'ħala t-tieni linja ta' difiża. Ir-Regolament SURE ma jirrikjedix valutazzjoni ta' kif l-iskemi nazzjonali appoġġati mix-SURE jikkomplementaw skemi nazzjonali oħra. It-tfassil tas-sistemi nazzjonali tas-sigurtà soċjali jibqa' prerogattiva nazzjonali ta' kull Stat Membru.

II. IT-TWEĠIBIET TAL-KUMMISSJONI GĦALL-OSSERVAZZJONIJIET PRINĊIPALI TAL-QEA

1. RAPPURTAR DWAR L-IMPATT TA' SURE

L-obbligi ta' rappurtar tal-Kummissjoni huma stabbiliti fir-Regolament SURE. B'mod speċifiku, skont l-Artikolu 14, jenħtieġ li l-Kummissjoni tirrapporta lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju (Economic and Financial Committee KEF) u lill-Kumitat tal-Impjiegi dwar l-użu tal-assistenza finanzjarja, inkluż l-ammonti pendenti u l-iskeda ta' ħlas lura applikabbli taħt SURE, u dwar il-kontinwazzjoni tal-okkorrenzi eċċezzjonali li jiġġustifikaw l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

Minbarra r-rekwiżiti legali, il-Kummissjoni hija marbuta wkoll bit-Taqsima 2.4 tal-Qafas tal-Bonds Soċjali biex tirrapporta dwar l-allokazzjoni u l-impatt tar-rikavati tax-SURE, inkluż dwar l-għadd ta' ħaddiema u ditti li bbenefikaw minn miżuri appoġġati minn SURE³.

Sa tmiem l-2022, il-Kummissjoni ħarġet erba' rapporti biannwali biex twettaq l-obbligi ta' rappurtar tagħha skont ir-Regolament SURE u l-Qafas għall-Bonds Soċjali SURE tal-UE, u barra minn hekk tipprovdi analiżi addizzjonali⁴.

Il-QEA tinnota li d-*data* rrappurtata mill-Istati Membri dwar l-għadd ta' ħaddiema u ditti koperti fiha limitazzjonijiet⁵, għalhekk, fil-fehma tagħhom mhuwiex possibbli li jiġi vvalutat bis-siġħ l-għadd ta' persuni u ditti koperti⁶.

Il-Kummissjoni taqbel li d-*data* dwar l-għadd ta' ħaddiema u ditti koperti pprovduta mill-Istati Membri mhux dejjem kienet komprensiva. Madankollu, il-Kummissjoni rrappurtat fir-rapporti biannwali meta d-*data* mill-Istati Membri ma kinitx kompluta. Barra minn hekk, f'kull rapport, il-Kummissjoni għamlet

³Skont it-Taqsima 2.4 tal-Qafas tal-Bonds Soċjali, il-Kummissjoni jenħtieġ li tagħmel ħilitha biex tikseb id-*data* u l-indikaturi rilevanti mill-Istati Membri benefiċjarji, taggrega s-sett disponibbli ta' *data* u tirrapporta dwarhom. It-Taqsima tirrikonoxxi wkoll li r-rappurtar mill-Kummissjoni jiddependi fuq il-kwalità u l-granularità tal-informazzjoni pprovduta mill-Istati Membri benefiċjarji u li l-Kummissjoni ma għandha l-ebda kontroll siġħ fuq dan.

⁴Dan kien jinkludi informazzjoni dwar l-impatt tal-miżuri ta' politika, inklużi dawk appoġġati minn SURE, fil-mitigazzjoni tal-effett tal-pandemija fuq l-impjiegi, u stimi tal-iffrankar tal-impjieg mill-Istati Membri. Analiżi teknika ulterjuri ġiet ipprovduta wkoll f'żewġ artikoli fir-Rapport Trimestrali dwar iż-Żona tal-Euro (Quarterly Report on the Euro Area "QREA").

⁵Ara s-sottotitolu li jippreċedi l-paragrafu 52 fl-"Osservazzjonijiet", il-paragrafu 56 fl-"Osservazzjonijiet" u l-Kaxxa 4.

⁶Ara s-Sommarju eżekuttiv il-paragrafu VIII u l-paragrafu 70 fil-"Konklużjonijiet u r-Rakkomandazzjonijiet".

filitha biex tivvaluta ċ-ċifra tal-kopertura aggregata bl-aktar mod preċiż possibbli billi tiċċekkja d-*data* u billi timla l-lakuni fid-*data*, eż. abbażi ta' suppożizzjonijiet raġonevoli u *data* disponibbli minn sorsi oħra. Għal kull rapport, il-Kummissjoni stiednet lill-Istati Membri biex jipprovdu d-*data* nieqsa jew jaġġornaw l-istimi preċedenti, bl-għan li tittejjeb il-kwalità tar-rappurtar f'rapporti sussegwenti.

Il-Kummissjoni taqbel ukoll mal-QEA li d-*data* dwar l-għadd ta' ħaddiema u ditti pprovduta mill-Istati Membri għall-miżuri appoġġati minn SURE f'xi każijiet kienet ibbażata fuq stimi. Madankollu, hija tqis li l-fatt li l-Istati Membri jintalbu jipprovdu *data* dwar l-eżitu reali għal kull miżura meta ma tkunx disponibbli kien jindaħal fit-tfassil ta' miżuri fil-politika tas-sigurtà soċjali u ma jkunx xieraq minħabba s-sitwazzjoni ta' emerġenza li minnha oriġina SURE. Barra minn hekk, mil-lat kunċettwali, l-aggregazzjoni tad-*data* għall-miżuri kollha hija ta' sfida, speċjalment meta l-impjegati u d-ditti jkunu eliġibbli għal aktar minn miżura waħda. Biex tingħeleb din l-isfida, il-Kummissjoni talbet lill-Istati Membri jirrapportaw biss il-kopertura tal-akbar miżura/i biex jiżguraw li ma kien hemm l-ebda eżaġerazzjoni tal-impatt pożittiv ta' SURE.

Il-QEA ssostni wkoll li t-tfassil tal-istrument ma jippermettix li jiġi identifikat b'mod separat l-impatt ta' SURE mill-impatt tal-iskemi nazzjonali, u għalhekk, jikkonkludi li l-Kummissjoni ma tistax tivvaluta r-riżultati ta' SURE f'kull Stat Membru⁷. Il-Kummissjoni tirrikonoxxi li mhux faċli li l-impatt ta' SURE jinfired kompletament mill-impatt tal-iskemi nazzjonali peress li SURE jipprovdi t-tieni linja ta' difiża. Madankollu, fir-rapporti biannwali tagħha dwar SURE, il-Kummissjoni pprovdiet xi elementi ta' evidenza rigward l-impatt ta' SURE u r-rwol tiegħu fl-inċentivar tal-istabbiliment ta' skemi nazzjonali ta' xogħol b'ħinijiet iqsar u miżuri simili. F'dawn ir-rapporti biannwali, il-Kummissjoni analizzat l-għadd ta' ħaddiema u ditti koperti *għal kull Stat Membru* u stmat l-għadd ta' impjegi salvati *għal kull Stat Membru*. Fl-aħħar nett, l-Istati Membri talbu appoġġ taħt SURE biex ikopru l-biċċa l-kbira tan-nefqa tagħhom fuq skemi nazzjonali eliġibbli. Frazzjoni limitata biss ġiet iffinanzjata b'mezzi oħra. Għalhekk, il-kopertura ta' SURE f'termini ta' għadd ta' ħaddiema u ditti hija ġeneralment simili għal dik tal-iskemi nazzjonali.

Dwar l-awditjar u l-kontroll, il-Kummissjoni hija konxja li jista' jkun hemm riskju għar-reputazzjoni tal-UE jekk il-miżuri appoġġati finanzjarjament mill-baġit tal-UE jitqiesu bħala suxxettibbli għal frodi⁸. Il-Kummissjoni tqis li dan ir-riskju huwa mmitigat minn azzjonijiet derivati mir-responsabbiltajiet tal-Istati Membri fid-detezzjoni tal-frodi u l-irregolaritajiet, kif meħtieġ mir-Regolament SURE u l-Ftehim ta' Self.

III. IT-TWEGĪBIET TAL-KUMMISSJONI GĦAR-RAKKOMANDAZZJONIJIET TAL-QEA

1. Rakkomandazzjoni 1: L-evalwazzjoni ta' SURE

(Data mmirata għall-implimentazzjoni: sa tmiem it-tieni trimestru tal-2024)

Tali evalwazzjoni jenħtieġ li tinkludi:

- i. il punt sa fejn SURE u l miżuri nazzjonali li ġew appoġġati minnu pprovdew valur miżjud (għall-objettivi kollha ta' SURE, inkluż il-miżuri relatati mas-saħħa);

⁷Ara s-Sommarju eżekuttiv il-paragrafu VIII u l-paragrafu 70 fil-"Konklużjonijiet u r-Rakkomandazzjonijiet".

⁸Ara l-paragrafu 47 fl-"Osservazzjonijiet", l-aħħar sentenza

Il-Kummissjoni taċċetta s-subbrakkomandazzjoni.

- ii. jekk l-iskemi appoġġati minn SURE kkomplementawx il miżuri nazzjonali, u kif;

Il-Kummissjoni taċċetta s-subbrakkomandazzjoni.

- iii. u jekk il-qafas SURE kienx effettiv fil-minimizzazzjoni tar-riskju ta' irregolaritajiet u frodi, minħabba l-każijiet irrappurtati mill-Istati Membri.

Il-Kummissjoni taċċetta s-subbrakkomandazzjoni.